IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.9.2026
COM(2026) 498 final

2026/0289 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1139 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u tat-traspożizzjoni tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd

{SWD(2026) 282 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/1139[1] ("ir-Regolament FEMSA"), jalloka r-riżorsi mill-baġit tal-UE biex jappoġġa l-politika komuni tas-sajd (PKS), il-politika marittima tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tagħha fil-governanza tal-oċeani. Il-kombinament tal-qafas regolatorju tal-PKS – li jkopri l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li hija qasam ta' kompetenza esklużiva tal-UE – u l-appoġġ strutturali pprovdut mill-FEMSA wera li huwa effettiv fiż-żamma jew fir-restawr ta' stokkijiet ta' ħut b'saħħithom u fil-promozzjoni tal-akkwakultura sostenibbli. Bħala kontributuri ewlenin għall-produzzjoni tal-ikel tal-UE, is-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jirrikjedu finanzjament affidabbli biex ilaħħqu mal-esternalitajiet negattivi, mal-volatilità ambjentali, u mal-ħtieġa għall-innovazzjoni, għall-ippjanar strateġiku u għall-adattament. Għalhekk, il-FEMSA tirfed is-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, is-sigurtà tal-ikel, l-ekonomija blu u l-ġestjoni ta' ibħra u oċeani b'saħħithom, sikuri u siguri. L-Istati Membri jfasslu programmi nazzjonali tal-FEMSA li jkunu mfassla apposta għall-ħtiġijiet tagħhom u bbażati fuq il-prijoritajiet u l-objettivi stabbiliti fir-Regolament FEMSA.

Minkejja l-importanza strateġika tiegħu, il-qafas regolatorju kurrenti jippreżenta sfidi ta' implimentazzjoni. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEMSA[2] u l-feedback regolari mill-Istati Membri, mill-partijiet ikkonċernati u mill-Kunsilli Konsultattivi (ACs), jindikaw li l-opportunitajiet ta' finanzjament jitqiesu bħala limitati u mhux flessibbli biżżejjed. L-inċertezza u l-kumplessità legali ġew identifikati bħala ostakli ewlenin għall-appoġġ tat-tranżizzjoni tal-enerġija, tas-sajd fuq skala żgħira u tat-tiġdid ġenerazzjonali. Barra minn hekk, filwaqt li l-FEMSA huwa s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-PKS, xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament PKS u huma affettwati minn bidliet sinifikanti fil-fatturi esterni mill-adozzjoni tar-Regolament FEMSA, bħall-urġenza dejjem akbar biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur. Għalhekk, l-evalwazzjoni tirrakkomanda miżuri mmirati biex jitħaffu l-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni u jitnaqqas id-dewmien amministrattiv.

Din il-proposta għandha l-għan li temenda r-Regolament FEMSA biex tagħmlu aktar aċċessibbli u aktar faċli għall-Istati Membri u għall-benefiċjarji biex jimplimentawh. L-emenda tinkorpora wkoll il-bidliet meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa fid-dritt tal-UE tal-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd (AFS) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), li ġie adottat fit-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fis-17 ta' Ġunju 2022, li ġie rratifikat mill-UE fis-7 ta' Ġunju 2023 u li daħal fis-seħħ fil-15 ta' Settembru 2025. Il-ftehim jipprojbixxi s-sussidji tas-sajd dannużi u jimmira lejn attivitajiet u żoni tas-sajd speċifiċi, inklużi s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), is-sajd ta'

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004, (ĠU L 247, 13.7.2021, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1139/oj).

[2] Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) 2021-2027, https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/65b91bed-294f-11ef-9290-01aa75ed71a1.

stokkijiet sfruttati żżejjed u s-sajd fl-ibħra internazzjonali mhux irregolati, u jistabbilixxi obbligi ġodda korrispondenti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta hija limitata għal emendi mmirati għar-Regolament (UE) 2021/1139 u hija konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd u mar-Regolament (UE) 2021/1060 dwar dispożizzjonijiet komuni għal fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta u l-objettivi tagħha huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, speċjalment mal-politiki ambjentali, dwar il-klima, ta' koeżjoni, tal-agrikoltura, soċjali, tas-suq u dawk kummerċjali.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-inizjattivi stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani, li japplika approċċ integrat għall-finanzjament u għall-politiki rilevanti għall-oċeani li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma, inklużi l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li hija waħda mill-ħames kompetenzi esklużivi tal-UE; ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar; il-ġestjoni tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom; l-implimentazzjoni tal-PKS; l-għarfien dwar l-oċeani; is-sigurtà marittima; is-sigurtà alimentari; u l-iżvilupp u l-espansjoni ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli. Il-proposta tikkontribwixxi wkoll biex jinkiseb l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) (""Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar"), li l-UE hija impenjata għalih.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2) u l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-dispożizzjonijiet proposti se jiġu implimentati taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mar-Regolament Finanzjarju[3].

- **Proporzjonalità**

Id-dispożizzjonijiet proposti jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi huma xierqa u meħtieġa, u ma hemm ebda miżura anqas restrittiva oħra disponibbli biex jinkisbu l-objettivi maħsuba tal-politika.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

[3] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-riżultati preliminari tal-evalwazzjoni *ex post* tar-Regolament FEMS (2014-2020) u l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament FEMSA (2021-2027) juru li l-fondi preċedenti tal-UE mmirati lejn żoni simili kellhom impatt pożittiv fuq is-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, ikkontribwew għall-implimentazzjoni tal-PKS, inkluża l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, speċjalment billi tejbu l-kontroll u l-infurzar tas-sajd u appoġġaw il-ġbir tad-data. Dawn ikkontribwew b'mod pożittiv ukoll għall-politika marittima, għall-governanza internazzjonali tal-oċeani, għall-iżvilupp tal-komunitajiet kostali u għall-ekonomija blu sostenibbli.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEMSA turi li l-Istati Membri jqisu li l-kapaċità limitata, l-istrutturi istituzzjonali u l-kundizzjonijiet stretti ta' eliġibbiltà għall-miżuri relatati mal-flotta huma l-kawżi ewlenin ta' implimentazzjoni bil-mod, u tindika l-ħtieġa ta' aktar titjib fis-sistema ta' twassil. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni tikkonferma li l-FEMSA jibqa' għodda strateġika biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet ta' politika tal-UE u l-ħtiġijiet nazzjonali, filwaqt li joffri lill-Istati Membri l-flessibbiltà għall-finanzjament tal-programmi b'rispons għal kuntest ta' politika li qiegħed jevolvi u għall-prijoritajiet li qegħdin jinbidlu.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minbarra l-evidenza miġbura permezz tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEMSA, ta' studji ta' appoġġ u ta' skambji mal-Istati Membri, mas-settur, mal-NGOs u mas-soċjetà ċivili usa', il-Kummissjoni ġabret firxa wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati biex jinformaw l-emenda mmirata tar-Regolament FEMSA. L-emenda tibbaża wkoll fuq diskussjonijiet fi gruppi ta' esperti, input minn esperti nazzjonali u l-ħidma tal-unità ddedikata ta' appoġġ għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-FEMSA tal-Kummissjoni, in-Network ta' Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Appoġġ Lokali għas-Sajd u l-Akkwakultura (FAMENET).

Diversi riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament Ewropew talbu lill-Kummissjoni tirrieżamina r-Regolament FEMSA. Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-PKS, adottata f'Jannar 2024, il-Parlament irrikonoxxa l-limitazzjonijiet fil-FEMSA u talab lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-appoġġ tal-FEMSA għall-professjonisti tal-industrija. F'riżoluzzjoni oħra adottata f'Marzu 2026, il-Parlament talab li jitneħħew l-ostakli regolatorji bla bżonn taħt il-FEMSA. Bl-istess mod, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar id-dekarbonizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-flotta tas-sajd tal-UE adottata f'Diċembru 2025, il-Parlament saħaq li r-regoli kurrenti jistgħu "jirrestringu severament" l-aċċess għall-finanzjament għat-tiġdid tal-bastimenti u għall-effiċjenza enerġetika. Għalhekk, il-Parlament tenna t-talbiet tiegħu għal emendi mmirati kemm għall-qafas tal-PKS kif ukoll għall-FEMSA, peress li jemmen li l-oqfsa eżistenti jxekklu t-titjib meħtieġ fis-sikurezza u fl-effiċjenza enerġetika u jimminaw il-kompetittività u l-profittabbiltà tas-sajjieda tal-UE meta mqabbla ma' flotot mhux tal-UE.

B'mod aktar speċifiku, il-Parlament Ewropew talab li l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament FEMSA jiġu rriveduti biex jiġu ssimplifikati l-kriterji ta' eliġibbiltà, filwaqt li argumenta li l-kundizzjonijiet kurrenti huma restrittivi wisq, jillimitaw l-applikazzjoni prattika ta' dawk id-dispożizzjonijiet u jirriżultaw f'adozzjoni baxxa. Dan it-tħassib huwa rifless fir-riċerka mwettqa għall-Kumitat PECH dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija tal-flotta tas-sajd, li, wara konsultazzjonijiet ma' awtorità ta' ġestjoni tal-FEMSA u ma' rappreżentanti tas-settur, sab li

l-partijiet ikkonċernati jqisu l-modernizzazzjoni tal-flotta bħala prijorità għat-tnaqqis tal-kostijiet operatorji u għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li d-dekarbonizzazzjoni tiġi segwita bħala objettiv komplementari.

Minbarra l-iskambji amministrattivi regolari, il-ministri minn diversi Stati Membri bagħtu ittra konġunta li tistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk ir-Regolament FEMSA jistax jiġi rieżaminat biex jappoġġa aħjar it-tranżizzjoni tal-enerġija u t-tiġdid ġenerazzjonali, inkluż permezz ta' pakkett ta' simplifikazzjoni. Xi Stati Membri, bħall-Estonja, il-Finlandja u Spanja, qajmu l-kwistjoni bil-miktub u talbu laqgħat iddedikati. Il-kwistjoni ġiet diskussa wkoll fil-Kunsill, inkluż fil-laqgħat tal-Kunsill tal-AGRIFISH f'Marzu 2025, f'Novembru 2025 u f'Marzu 2026.

Diversi partijiet ikkonċernati, inklużi l-ACs u l-assoċjazzjonijiet settorjali, ressqu proposti għal emendi mmirati. Il-kwistjonijiet imqajma mill-ACs jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari n-nuqqas ta' sejħiet operazzjonali għall-applikanti potenzjali mill-Istati Membri, skedi ta' żmien mhux ċari u proċeduri amministrattivi kumplessi. L-assoċjazzjonijiet settorjali talbu miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur fit-tul, flimkien ma' aġġustamenti mmirati u appoġġ akbar għal tranżizzjoni ġusta tal-enerġija. Dawn l-organizzazzjonijiet jinkludu Europêche, SEA Europe, LIFE, l-Assoċjazzjoni Nazzjonali Franċiża tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (ANOP), il-Kumitat Nazzjonali Franċiż għas-Sajd Marittimu u l-Akkwakultura tal-Baħar (CNPMEM), u tnejn mir-rappreżentazzjonijiet reġjonali tagħha (CDPMEM du Finistère u CRPMEM Bretagne).

Il-Kummissjoni fittxet ukoll feedback bil-ħsieb ta' emenda mmirata possibbli tal-FEMSA permezz ta' sejħa għall-evidenza[4] miftuħa mit-23 ta' Ġunju sal-21 ta' Lulju 2026. Waslu total ta' 69 tweġiba mill-partijiet ikkonċernati fi 18-il Stat Membru. L-assoċjazzjonijiet tan-negozju kienu l-akbar grupp ta' rispondenti (20 tweġiba), segwiti mill-NGOs (17-il tweġiba). Spanja kellha 29 tweġiba.

L-assoċjazzjonijiet tan-negozju kienu jirrappreżentaw l-akbar grupp ta' rispondenti, li jammontaw għal 21 mid-69 sottomissjoni li waslu. Huma appellaw b'mod ġenerali għal simplifikazzjoni amministrattiva, għall-estensjoni tal-eliġibbiltà tal-finanzjament lil hinn mill-SMEs għal intrapriżi akbar, bidliet fir-regoli dwar il-kapaċità tal-flotta, u kundizzjonijiet aktar flessibbli għat-tiġdid ġenerazzjonali. Huma saħqu wkoll fuq il-ħtieġa li jiġi ppreservat il-baġit delimitat tal-FEMSA, aktar milli jiġi integrat f'fond usa' għal wara l-2027.

L-organizzazzjonijiet mhux governattivi ġeneralment appoġġaw it-traspożizzjoni sħiħa tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd, inklużi dispożizzjonijiet b'saħħithom biex jipprevjenu l-appoġġ marbut mas-sajd IUU. Fl-istess ħin, enfasizzaw li s-simplifikazzjoni ma tridx iddgħajjef ir-regoli tal-eliġibbiltà, ir-rekwiżiti tal-monitoraġġ jew il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Ħafna argumentaw ukoll li l-finanzjament jiġi ridirezzjonat lejn is-sajd fuq skala żgħira u b'impatt baxx, ir-restawr tal-ekosistema, is-salvagwardji tal-benesseri tal-annimali u t-trasparenza akbar fl-allokazzjoni tas-sussidji.

L-awtoritajiet pubbliċi appoġġaw b'mod wiesa' s-simplifikazzjoni u flessibbiltà akbar fl-implimentazzjoni. Ħafna argumentaw li l-kunċett tal-kapaċità tas-sajd għandu jiġi rivedut, filwaqt li l-limiti tal-GT/kW jitqiesu bħala skaduti. L-awtoritajiet reġjonali u l-awtoritajiet mir-reġjuni ultraperiferiċi appellaw għal rikonoxximent akbar tal-ispeċifiċitajiet insulari u reġjonali, regoli aktar flessibbli dwar it-tiġdid ġenerazzjonali u tal-flotta, u, f'xi każijiet, mekkaniżmu ta' kriżi ddedikat biex jindirizza xokkijiet bħaż-żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwil.

[4] Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura – emenda għal simplifikazzjoni u għat-traspożizzjoni tal-ftehim tad-WTO.

Il-kumpaniji argumentaw li l-limitazzjoni tal-eliġibbiltà għall-SMEs teskludi b'mod inġust lill-proċessuri u l-operaturi tal-kummerċjalizzazzjoni akbar. Huma appoġġaw ukoll il-finanzjament għall-infrastruttura diġitali għad-dikjarazzjonijiet tal-iżbark u għar-rapportar u qajmu tħassib dwar l-implikazzjonijiet legali ta' esklużjoni ġenerali tas-sussidji marbuta mat-tkarkir tal-qiegħ.

Rispondenti oħra appoġġaw bl-istess mod it-traspożizzjoni sħiħa tal-AFS tad-WTO u l-immirar ambjentali aktar b'saħħtu tal-finanzjament. Fl-aħħar nett, huma appellaw għal proċeduri ta' applikazzjoni aktar sempliċi, pagamenti aktar rapidi, u t-tneħħija ta' restrizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-SMEs biss.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emendi proposti ma jinvolvu l-ebda bidla fil-limiti massimi annwali għall-impenji u għall-pagamenti skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Japplikaw ir-rekwiżiti tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tar-rapportar stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2021/1139 u 2021/1060.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli.

2026/0289 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1139 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-traspożizzjoni tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2) u l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-ħtiġijiet tas-settur tas-sajd tal-Unjoni Ewropea u l-isfidi li qiegħed jiffaċċja bħalissa jitolbu miżuri ta' appoġġ imfassla aħjar u sempliċi taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (il-"FEMSA"). L-aġġustamenti proposti f'dan ir-Regolament għandhom l-għan li jtejbu u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-FEMSA billi jindirizzaw xi wħud mill-kwistjonijiet li ġew identifikati fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEMSA kif ukoll fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, mingħajr ma jitbiegħdu mill-prinċipji fundamentali tal-politika u filwaqt li jiżguraw il-konformità mar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). L-għan tal-emendi huwa li tiżdied il-flessibbiltà għall-Istati Membri u jitnaqqas il-piż fuq il-benefiċjarji, u b'hekk ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-opportunitajiet offruti mill-FEMSA għall-bqija tal-perjodu ta' programmazzjoni.

(2) Ir-restrizzjonijiet baġitarji fuq l-allokazzjonijiet għall-miżuri tal-flotta u għall-waqfien permanenti jenħtieġ li jiġu riveduti biex l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà u aġilità akbar fl-ipprogrammar ta' allokazzjonijiet finanzjarji addizzjonali skont dawn il-miżuri.

(3) Sabiex tissaħħaħ is-sikurezza fuq il-baħar mingħajr ma tiżdied il-kapaċità tas-sajd, jenħtieġ li t-teknoloġiji tan-navigazzjoni bħall-GPS jew ir-radars isiru eliġibbli għall-appoġġ.

(4) It-tiġdid ġenerazzjonali fis-sajd huwa essenzjali għas-sigurtà tal-ikel, għas-sostenibbiltà u għall-vitalità kostali tal-Ewropa. Għalhekk, jenħtieġ li t-trasferiment tas-sjieda lis-sajjieda żgħażagħ u lis-sajd kostali fuq skala żgħira jiġi ffaċilitat. Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-sajjieda fuq skala żgħira u tiġi indirizzata l-vulnerabbiltà ekonomika tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti inċentivi finanzjarji xierqa għad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet.

(5) F'konformità mal-premessa (4), jenħtieġ li għalhekk ikun possibbli wkoll li l-Istati Membri jagħtu lis-sajjieda żgħażagħ rata ogħla ta' intensità tal-għajnuna biex jappoġġaw it-tiġdid ġenerazzjonali u jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-settur.

(6) Huma meħtieġa flessibbiltà u simplifikazzjoni akbar fil-proċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija biex jiġi żgurat li l-futur tas-sajd ikun ekoloġikament, ekonomikament u soċjalment sostenibbli, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-vijabbiltà tal-mudelli kummerċjali kurrenti. Is-sostituzzjoni jew l-immodernizzar tal-magni, pereżempju bl-użu tat-teknoloġija bbażata fuq l-idroġenu, l-ammonijaka, il-kombustjoni interna, iċ-ċelloli tal-fjuwil, l-elettriku, taħlita ta' elettriku u kombustjoni (ibrida), ibrida b'ċellola tal-fjuwil, jew kwalunkwe teknoloġija ekwivalenti oħra effiċjenti fl-użu tal-enerġija jew ta' fjuwils alternattivi, huwa mod wieħed kif titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tas-sajd u tingħata spinta lill-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jiġi appoġġat il-proċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tiżdied l-attraenza tas-settur, il-bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira jenħtieġ li jingħataw flessibbiltà akbar fl-immodernizzar jew fis-sostituzzjoni tal-magni tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li r-rekwiżiti fl-Artikolu 18(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/1139 jiġu emendati biex l-enfasi tiġi ttrasferita mill-kapaċità f'kW tal-magna għall-kontribut tagħha għall-effiċjenza enerġetika, imkejla bit-tnaqqis propost fl-emissjonijiet tas-CO_2. Ir-rekwiżiti għas-sostituzzjoni tal-magni fl-Artikolu 18(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/1139 jenħtieġ li jiġu adattati biex jitneħħew il-limiti riġidi li bħalissa jimpedixxu l-użu, u b'hekk jippermettu dekarbonizzazzjoni usa' fil-flotta kollha.

(7) Sabiex ikompli jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq is-settur tas-sajd, il-perjodu ta' reġistrazzjoni għall-bastimenti tas-sajd jenħtieġ li jitnaqqas minn 10 snin għal 5 snin kalendarji. Barra minn hekk, jenħtieġ li ż-żidiet fil-kapaċità ta' tunnellaġġ gross tal-bastimenti jkunu permessi għas-sajd kostali fuq skala żgħira biex jakkomodaw iż-żieda fil-volum meħtieġ biex tiġi sostitwita magna jew tittejjeb l-effiċjenza enerġetika.

(8) Is-sajd tas-sallura huwa staġunali ħafna peress li huwa influwenzat minn fatturi ġeografiċi u miċ-ċiklu tal-ħajja kumpless tas-sallura. Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-karatteristiċi speċifiċi tas-sajd tas-sallura jiġu riflessi fil-kalkolu tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar, u jenħtieġ li tiġi introdotta deroga mir-rekwiżit ta' 90 jum fuq il-baħar fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/1139, kif diġà huwa l-każ għall-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament.

(9) L-appoġġ finanzjarju għall-waqfien temporanju jenħtieġ li jkun permess sabiex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku fuq is-sajjieda ta' tnaqqis sinifikanti u mhux mistenni fl-opportunitajiet tas-sajd.

(10) Huwa meħtieġ appoġġ finanzjarju addizzjonali biex jitrawmu inizjattivi tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tal-effiċjenza enerġetika li jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura. Għalhekk, jenħtieġ li jkun permess aktar appoġġ immirat għal proġetti pilota u ta' riċerka f'dawk is-setturi li jikkostitwixxu inizjattivi sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' miżura skont il-qafas legali applikabbli. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju jkun permess għal investimenti fil-portijiet u fl-infrastruttura li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur tas-sajd.

(11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jappoġġaw ulterjorment it-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni kollettiva tal-istrateġiji nazzjonali għaż-żoni protetti tal-baħar u għaż-żoni ristretti għas-sajd u għall-ġestjoni ta' dawk iż-żoni.

(12) Huwa meħtieġ ukoll li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/1139 sabiex jiġi traspost il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li fih il-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd[5].

(13) L-Unjoni Ewropea hija membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO"), li nediet iċ-Ċiklu ta' Doha ta' negozjati kummerċjali, magħruf bħala l-"Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp", f'Novembru 2001. L-objettiv tan-negozjati tad-WTO dwar is-sussidji għas-sajd kien li tintlaħaq il-Mira 14.6 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, li tiffoka fuq il-projbizzjoni ta' ċerti forom ta' sussidji għas-sajd li jwasslu għal kapaċità żejda u għal sajd żejjed, l-eliminazzjoni ta' sussidji li jappoġġaw is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), u li ma jiġux introdotti sussidji dannużi ġodda.

(14) Fis-17 ta' Ġunju 2022, it-12-il Konferenza Ministerjali adottat il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Protokoll"), li fih il-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd ("il-Ftehim"). Il-Protokoll daħal fis-seħħ fil-15 ta' Settembru 2025, meta ż-żewġ terzi meħtieġa tal-membri tad-WTO kienu ddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom tal-Ftehim.

(15) Il-Ftehim jidentifika għadd ta' sussidji għas-sajd bħala dannużi u jistabbilixxi obbligu għall-membri tad-WTO li jipprojbixxu s-sussidji għall-bastimenti jew għall-operaturi involuti f'sajd IUU jew f'attivitajiet relatati mas-sajd b'appoġġ għas-sajd IUU u għal attivitajiet relatati mas-sajd fl-ibħra internazzjonali barra mill-kompetenza regolatorja ta' organizzazzjoni jew arranġament reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ("RFMO/A") rilevanti.

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1116[6] approvat il-Protokoll. L-Unjoni Ewropea ddepożitat l-istrument ta' aċċettazzjoni tagħha fis-7 ta' Ġunju 2023. Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi implimentat fid-dritt tal-Unjoni.

(17) Sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u tiġi żgurata konformità sħiħa mal-obbligi tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-finanzjament tal-UE, huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1139 jiġi emendat biex jipprevedi li għall-operaturi u għall-bastimenti involuti fis-sajd IUU jew f'attivitajiet relatati mas-sajd b'appoġġ għas-sajd IUU, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 3.2 tal-Ftehim, u f'attivitajiet tas-sajd u dawk relatati mas-sajd fl-ibħra internazzjonali barra mill-kompetenza regolatorja ta' RFMO/A rilevanti ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ skont il-FEMSA.

(18) Skont l-Artikolu 5.1 tal-Ftehim, l-ebda membru tad-WTO ma jista' jagħti jew iżomm sussidji għas-sajd jew għal attivitajiet relatati mas-sajd imwettqa barra mill-ġuriżdizzjoni ta' membru kostali jew ta' sieħeb kostali mhux membru u barra mill-kompetenza ta' RFMO/A rilevanti. Sabiex tiġi implimentata dik ir-regola fid-dritt tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi previst li tali operazzjonijiet u nefqa jkunu wkoll

---

5 L-Avviż dwar id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar is-Sussidji għas-Sajd ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (ĠU L, 2025/1962, 25.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/notice/2025/1962/oj).

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1116 tal-25 ta' Mejju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, fir-rigward tal-Ftehim dwar is-sussidji għas-sajd (ĠU L 148, 8.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1116/oj).

ineliġibbli għall-finanzjament skont il-FEMSA. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi introdott Artikolu 13a ġdid biex jissupplimenta l-lista ta' operazzjonijiet u ta' nefqa ineliġibbli skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/1139.

(19) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-obbligi skont il-Ftehim, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw il-Ftehim japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju sad-data tat-terminazzjoni tal-Ftehim, kif ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Matul dak il-perjodu, jenħtieġ li l-applikazzjonijiet għall-appoġġ li ma jikkonformawx mal-Ftehim ikunu inammissibbli, u jenħtieġ li l-operazzjonijiet u n-nefqa jkunu ineliġibbli.

(20) Is-sejbiet tas-sajd IUU f'determinazzjonijiet affermattivi skont l-Artikolu 3.2 tal-Ftehim jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għas-sejbiet tas-sajd IUU skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[7] u (KE) Nru 1224/2009[8],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) 2021/1139

Ir-Regolament (UE) 2021/1139 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(2), jiżdiedu l-punti (16), (17), (18), (19), (20), (21), (22) u (23) li ġejjin:

"(16) 'Determinazzjoni affermattiva' tfisser sejba finali li operatur jew bastiment kien involut f'sajd illegali, mhux irrappurtat jew mhux irregolat ('sajd IUU') jew f'attivitajiet relatati mas-sajd b'appoġġ għas-sajd IUU, meta dik is-sejba ssir minn:

(a) membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), għal attivitajiet f'żoni taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha ('l-istat kostali'); jew

(b) organizzazzjoni jew arranġament reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ('RFMO/A') rilevanti, għal attivitajiet f'żoni u għal speċijiet taħt il-kompetenza tiegħu, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri ta' dik l-RFMO/A u d-dritt internazzjonali rilevanti;

(17) 'Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd' tfisser il-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd li jinsab fil-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd, li ġie adottat mid-WTO fis-17 ta' Ġunju 2022, li ilu fis-seħħ mill-15 ta' Settembru 2025 u li ġie approvat f'isem l-Unjoni mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1116[9];

---

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1005/oj).

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj).

9 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1116 tal-25 ta' Mejju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-

(18) ‘tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura’ tfisser trasformazzjoni li tista’ titkejjel tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura lejn konsum aktar baxx tal-enerġija, tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ gassijiet serra u tnaqqis fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, meta dik it-trasformazzjoni tinkiseb permezz tal-varar u tal-użu ta’ teknoloġiji u disinji effiċjenti fl-enerġija, tal-adozzjoni ta’ fjuwils alternattivi u sorsi ta’ enerġija b’livell baxx ta’ karbonju fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, u tal-iżvilupp ta’ infrastruttura ta’ appoġġ li ma timminax l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd;

(19) ‘sajjied żagħżugħ’ tfisser sajjied li ma għandux aktar minn 40 sena fid-data meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-appoġġ;

(20) għall-finijiet tal-Artikoli 11a u 13a, ‘bastiment’ tfisser bastiment tas-sajd kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt 4, tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew kwalunkwe bastiment, vapur jew dgħajsa oħra li jintużaw, ikunu mgħammra biex jintużaw jew maħsuba biex jintużaw, għas-sajd jew għal attivitajiet relatati mas-sajd;

(21) għall-finijiet tal-Artikoli 11a u 13a, ‘sajd’ tfisser it-tiftix għall-ħut, jew l-attrazzjoni, il-lokalizzazzjoni, il-qbid, it-teħid jew il-ġbir tagħhom, jew kwalunkwe attività li tista’ raġonevolment tkun mistennija li tirriżulta fl-attrazzjoni, fil-lokalizzazzjoni, fil-qbid, fit-teħid jew fil-ġbir ta’ ħut;

(22) għall-finijiet tal-Artikoli 11a u 13a, ‘attività relatata mas-sajd’ tfisser kwalunkwe operazzjoni b’appoġġ jew bi preparazzjoni għas-sajd, għall-ħatt l-art, għall-ippakkjar, għall-ipproċessar, għat-trażbord jew għat-trasport ta’ ħut li ma nħattx l-art qabel f’port, kif ukoll il-forniment ta’ persunal, ta’ fjuwil, ta’ rkaptu u ta’ provvisti oħra fuq il-baħar;

(23) għall-finijiet tal-Artikoli 11a u 13a, ‘operatur’ tfisser is-sid ta’ bastiment, jew kwalunkwe persuna li tkun inkarigata mill-bastiment, li tidderieġih jew tikkontrollah.”;

(2) l-Artikolu 5(5) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-ammont ta’ appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokat minn kull Stat Membru taħt il-FEMSA msemmi fl-Artikoli 17, 18, 19 u 20 ma għandux jaqbeż it-30 % tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokat lil dak l-Istat Membru.”;

(3) l-Artikolu 11a li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 11:

“Artikolu 11a

Ammissibbiltà ta’ applikazzjonijiet f’każ ta’ determinazzjoni affermattiva

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, applikazzjoni għall-appoġġ imressqa minn operatur għandha tkun jew għandha ssir inammissibbli jekk stat kostali jew RFMO/A jinnotifika lill-Istat Membru tal-bandiera b’determinazzjoni affermattiva dwar operatur jew bastiment li jopera l-operatur.

2. Meta tiġi nnotifikata determinazzjoni affermattiva minn stat kostali, applikazzjoni għall-appoġġ imressqa minn operatur għandha tkun inammissibbli jekk id-determinazzjoni affermattiva tkun ibbażata fuq informazzjoni fattwali rilevanti u l-istat kostali jkun ipprovda dan li ġej lill-Istat Membru tal-bandiera u, jekk ikun magħruf, lill-Istat Membru tas-sussidjar:

(a) notifika f’waqtha kkomunikata permezz ta’ mezzi xierqa. In-notifika għandha tinkludi wkoll referenzi għal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri amministrattivi applikabbli, jew informazzjoni u dettalji rilevanti oħra ta’ kwalunkwe miżura meħuda, inklużi dawn li ġejjin:

Kummerċ, fir-rigward tal-Ftehim dwar is-sussidji għas-sajd (ĠU L 148, 8.6.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1116/oj).

(i) id-detenzjoni temporanja tal-bastiment jew tal-operatur, sakemm issir investigazzjoni ulterjuri, għall-involviment f'sajd IUU, jew

(ii) il-bidu mill-istat kostali ta' investigazzjoni għas-sajd IUU;

(b) opportunità għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti qabel ma tiġi ffinalizzata d-determinazzjoni affermattiva, sabiex tali informazzjoni tkun tista' titqies fid-determinazzjoni affermattiva finali, b'mod u f'perjodu li għandu jiġi speċifikat mill-istat kostali.

L-istat kostali għandu jinnotifika lill-Istat Membru tal-bandiera bid-determinazzjoni affermattiva finali u bi kwalunkwe sanzjoni imposta, inkluża, jekk applikabbli, id-durata tagħhom.

3. Meta tkun ġiet innotifikata determinazzjoni affermattiva fir-rigward ta' bastiment speċifiku, l-inammissibbiltà ta' applikazzjoni mressqa mill-operatur ta' dak il-bastiment għandha tapplika biss għall-appoġġ li jkun marbut direttament ma' dak il-bastiment speċifiku jew mal-attivitajiet tiegħu.

4. Meta tiġi nnotifikata determinazzjoni affermattiva matul il-perjodu bejn l-għoti ta' appoġġ u l-pagament finali, kwalunkwe appoġġ diġà mħallas mill-FEMSA fir-rigward tal-bastiment u tal-attivitajiet imsemmija f'dik id-determinazzjoni affermattiva għandu jiġi rkuprat mill-operatur f'konformità mal-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

5. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu inammissibbli, skont il-paragrafi 2 sa 4, għal perjodu li jikkorrispondi għall-itwal minn dawn li ġejjin:

(a) id-durata tas-sanzjoni prevista fir-regoli nazzjonali tal-istat kostali li għamel id-determinazzjoni affermattiva; jew

(b) il-perjodu li matulu l-bastiment jew l-operatur ikun elenkat minn RFMO/A.

6. L-Istati Membri jistgħu japplikaw, f'konformità mar-regoli nazzjonali tagħhom, perjodu ta' inammissibbiltà itwal minn dak iddeterminat skont il-paragrafu 5, filwaqt li jqisu n-natura, il-gravità u r-ripetizzjoni tas-sajd IUU jew tal-attività relatata mas-sajd b'appoġġ għas-sajd IUU mwettaq mill-bastiment jew mill-operatur.

7. Meta determinazzjoni affermattiva nnotifikata lill-Istat Membru tal-bandiera ma tispeċifikax id-durata tas-sanzjoni, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jiddetermina l-perjodu ta' inammissibbiltà, filwaqt li jqis in-natura, il-gravità u r-ripetizzjoni tas-sajd IUU u tal-attivitajiet relatati mas-sajd b'appoġġ għas-sajd IUU.

8. Meta l-istess sajd IUU jew attivitajiet relatati mas-sajd b'appoġġ għas-sajd IUU jirriżultaw f'inammissibbiltà kemm skont l-Artikolu 11(1) kif ukoll skont l-Artikolu 11a, il-perjodu totali ta' inammissibbiltà ma għandux jaqbeż l-itwal perjodu ta' inammissibbiltà li jirriżulta mill-Artikolu 11 jew mill-paragrafi 5, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu.

9. Meta Stat Membru tal-bandiera jirċievi determinazzjoni affermattiva dwar wieħed mill-bastimenti jew mill-operaturi tiegħu, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn meta jirċievi d-determinazzjoni affermattiva, filwaqt li jindika l-operatur u l-bastiment ikkonċernat u, meta applikabbli, id-durata tas-sanzjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri l-oħra kollha billi tippubblikaha f'taqsima b'aċċess ristrett tas-sit web tagħha.

(4) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'**dan li ġej**:

"1. L-operazzjonijiet jew in-nefqa li ġejja ma għandhiex tkun eliġibbli għal appoġġ mill-FEMSA:";

(b) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità tas-sajd ta' bastiment tas-sajd, ħlief jekk ikun previst mod ieħor fl-Artikoli 19 u 19a";

(c) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-bini, l-akkwist jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd, ħlief jekk ikun previst mod ieħor fl-Artikolu 17 u 19a";

(d) fil-paragrafu 1, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) it-trasferiment tas-sjieda ta' negozju, ħlief jekk l-appoġġ jingħata lil sajjied żagħżugħ li lilu tiġi ttrasferita s-sjieda jew ħlief jekk in-negozju jkun involut biss f'sajd kostali fuq skala żgħira";

(e) fil-paragrafu 1, il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) investimenti abbord bastimenti tas-sajd li jkunu meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti skont id-dritt tal-Unjoni li jkunu fis-seħħ meta titressaq l-applikazzjoni għal appoġġ, inklużi r-rekwiżiti skont l-obbligi tal-Unjoni fil-kuntest ta' RFMOs, ħlief jekk ikun previst mod ieħor fl-Artikoli 19a u 22";

(f) fil-paragrafu 1, il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari ta' bastiment tas-sajd, ħlief jekk ikun previst mod ieħor fl-Artikoli 18 u 19a";

(g) jiżdied il-paragrafu (2) li ġej:

"2. Il-paragrafu 1, il-punt (b) ma għandux japplika għat-tagħmir tan-navigazzjoni li jopera esklużivament 'il fuq mis-superfiċe tal-ilma, bħall-GPS u t-teknoloġija tar-radar, li jintuża biss għall-prevenzjoni ta' aċċidenti marittimi u biex tiżdied is-sikurezza fuq il-baħar.";

(6) l-Artikolu 13a li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 13:

"*Artikolu 13a*

Ineliġibbiltà tal-appoġġ għas-sajd jew għall-attivitajiet relatati mas-sajd barra mill-ġuriżdizzjoni ta' stat kostali u barra mill-kompetenza ta' RFMO/A rilevanti

Minbarra l-operazzjonijiet u n-nefqa ineliġibbli skont l-Artikolu 13, l-operazzjonijiet u n-nefqa li jappoġġaw is-sajd jew l-attivitajiet relatati mas-sajd imwettqa barra mill-ġuriżdizzjoni tal-istati kostali, inklużi l-istati kostali li ma humiex membri tad-WTO, u barra mill-kompetenza ta' RFMO/A rilevanti, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-FEMSA.";

(7) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għall-bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira, il-magna l-ġdida jew modernizzata tikkontribwixxi għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għal bastimenti oħra b'tul totali ta' mhux aktar minn 24 metru, il-magna l-ġdida jew modernizzata ma jkollhiex aktar saħħa f'kW mill-magna kurrenti u tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-magna l-ġdida msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d), għandha:

(a) tuża teknoloġija effiċjenti fl-użu tal-enerġija jew teknoloġija ta' fjuwils alternattivi, f'konformità mad-Direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika[10];

(b) tkun approvata skont it-tip f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11]; u

(c) tkun mill-anqas 7 snin aktar ġdida mill-magna li tkun qiegħda tiġi sostitwita.";

(8) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-bastiment tas-sajd ikun ġie rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni għal mill-anqas 5 snin kalendarji ta' qabel is-sena ta' tressiq tal-applikazzjoni għal appoġġ";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) iż-żieda fit-tunnellaġġ gross meħtieġ għall-installazzjoni jew għar-rinnovazzjoni sussegwenti ta' magna jew ta' sistema ta' propulsjoni li turi effiċjenza aħjar fl-enerġija jew emissjonijiet aktar baxxi ta' CO_2 meta mqabbla mas-sitwazzjoni preċedenti, li, ħlief jekk il-bastiment inkwistjoni jkun bastiment tal-qbid kostali fuq skala żgħira, ma jkollhiex saħħa li taqbeż is-saħħa tal-magna iċċertifikata qabel tal-bastiment tal-qbid skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u li l-potenza massima tal-output tagħha tkun iċċertifikata mill-manifattur għal dak il-mudell tal-magna jew tas-sistema ta' propulsjoni";

(9) l-Artikolu 19a li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 19:

"*Artikolu 19a*

Appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija

1. Sabiex jinkiseb l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 14(1), il-punt (a) ta' dan ir-Regolament, il-FEMSA jista' jappoġġa wkoll proġetti pilota u ta' riċerka u investimenti fil-portijiet u fl-infrastruttura li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur tas-sajd.

2. Il-proġetti pilota u ta' riċerka jirreferu għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u operazzjonali innovattivi biex juru u jivvalidaw il-kontribut tagħhom għat-tranżizzjoni tal-enerġija bl-użu ta' bastiment tas-sajd jew ta' sistema ta' produzzjoni tal-akkwakultura waħda jew aktar taħt is-superviżjoni ta' korp xjentifiku, ta' riċerka jew tekniku indipendenti. Tali

[10] Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni) (ĠU L 231, 20.9.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1791/2026-08-05).

[11] Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1628/oj).

proġetti jistgħu jinkludu wkoll l-akkwist ta' bastiment tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-magni u/jew il-forniment ta' tagħmir għall-bastimenti tas-sajd, dment li dawn ma jintużawx għas-sajd kummerċjali. Il-bastimenti, il-magni jew kwalunkwe tagħmir iffinanzjat taħt tali proġetti jistgħu sussegwentement jintużaw għas-sajd kummerċjali biss jekk ikunu ġew akkwistati mill-operatur rilevanti b'valur tas-suq ġust, mingħajr appoġġ pubbliku jew b'appoġġ pubbliku li jkun qiegħed jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.;

3. Investiment fil-portijiet u fl-infrastruttura tfisser investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-enerġija fis-sajd u fl-akkwakultura tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 2(2), il-punt (18), fil-portijiet, fil-mollijiet u fiż-żoni ta' bażiri.";

(10) fl-Artikolu 20(2), il-punt (c) huwa sostitwit b'li ġej:

"(c) il-bastiment tas-sajd ikun irreġistrat bħala attiv u jkun wettaq attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal mill-anqas 90 jum fis-sena matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel id-data ta' tressiq tal-applikazzjoni għal appoġġ; din il-kundizzjoni ma għandhiex tapplika fil-każ ta' bastiment liċenzjat u awtorizzat għas-sajd tas-sallura.";

(11) fl-Artikolu 21(2), jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) impatti soċjoekonomiċi li jirriżultaw minn tnaqqis ta' mill-anqas 40 % fl-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-operatur, wara tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd adottati mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Is-sena ta' referenza għall-kalkolu tat-tnaqqis għandha tkun is-sena kalendarja ta' qabel is-sena li għaliha huma stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd mir-Regolament tal-Kunsill rilevanti.";

(12) fl-Artikolu 25(2), jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) azzjonijiet li jappoġġaw it-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni kollettiva ta' strateġiji nazzjonali għal żoni protetti tal-baħar u żoni ristretti għas-sajd, il-ġestjoni ta' żoni protetti tal-baħar u żoni ristretti għas-sajd, u l-iżvilupp ta' skemi ta' koġestjoni tas-sajd, u miżuri ta' sensibilizzazzjoni biex tiġi promossa l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati għall-istabbiliment u għall-ġestjoni ta' żoni protetti tal-baħar u żoni ta' sajd protetti.";

(13) l-Artikolu 30a li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 30:

"*Artikolu 30a*

Sajd fuq skala żgħira

Sabiex jinkiseb l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament, il-FEMSA jista' jipprovdi wkoll appoġġ għal azzjonijiet maħsuba biex isostnu s-sajd kostali fuq skala żgħira vijabbli u jiffaċilita d-diversifikazzjoni tal-introjtu tas-sajjieda kostali fuq skala żgħira permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet komplementari.";

(14) l-Artikolu 44a li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 44:

"*Artikolu 44a*

Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri fil-każ ta' determinazzjoni affermattiva

